# L-ingassa taċ-chain emails

Ġieli rċevejt xi *chain emails*, bħalma qabel kont nirċievi xi *chain letter*. Kif għandi nġib ruħi? Għandi nagħti kashom?
Marjo Mangion, Żejtun

Huwa fatt li f'kull ħin tal-jum miljuni kbar ta' *emails* jgħaddu min-naħa għall-oħra tad-dinja tagħna permezz ta' l-*internet*. Fost dawn ikun hemm numru li qed dejjem jiżdied ta' *chain emails*.

Qabel il-miġja ta' l-*internet*, konna familjari mal-fenomenu taċ-*chain letters*. Illum dan il-fenomenu taċ-*chain emails* sploda minħabba l-faċilità li biha jixterdu messaġġi elettroniċi f'sekonda waħda, u mingħajr il-ħtieġa u l-ispejjeż ta' karti, enveloppi u bolol.

Fost miljuni ta' *chain emails* li jduru mad-dinja, hemm għadd ġmielu minnhom li huma ta' natura "reliġjuża".

F'xi wħud minnhom issib li min jirċievi l-*email* huwa mitlub jagħmel xi ħaġa partikulari, kif ukoll li jxerred dak li rċieva ma' għadd ta' persuni oħra, mingħajr ma jaqta' l-katina.

Issib kliem bħal: "Din in-novena ma tistax titwaqqaf. Ftakar li din it-talba għandha qawwa kbira. Ibgħatha lil seba' persuni oħra u għarrafni x'ikun ġara fir-raba' jum. Taqtax il-katina. Din it-talba ma tneffqek xejn. Anzi tippremjak".

Il-Knisja x'tgħid dwar dawn l-affarijiet? Xi ftit ġimgħat ilu, il-Kurja ta' l-Arċisqof ħarġet komunikat dwar dan is-suġġett.

Il-Knisja dejjem ħeġġet lill-insara biex iduru lejn Alla fil-bżonnijiet tagħhom. Il-Knisja wkoll dejjem qawwiet qalb il-membri tagħha biex jirrikorru għall-interċessjoni tal-qaddisin li jidħlu għalina quddiem Alla. Huwa importanti li meta aħna nitolbu, inżommu quddiem għajnejna li huwa Alla li jmexxi kollox. L-isbaħ atteġġjament fit-talb huwa: "Mulej, tkun magħmula r-rieda tiegħek".

Issa dak li fil-fatt jiġri fiċ-*chain letters* u fiċ-*chain emails* huwa li, mingħajr ma nindunaw, inkunu qed nidħlu f'gaġġa. Għalkemm forsi ma jkollniex intenzjonijiet ħżiena meta naqraw u nċċirkolaw xi *chain email*, li jkun qed jiġri hu li nikkundizzjonaw lilna nfusna. Insiru skjavi.

U għalhekk nintrabtu ma' wegħdiet umani minflok ma nerħu ruħna għal kollox f'idejn Alla. Agħar u, agħar, inħallu l-biża' jaħkimna jekk niksru l-katina. Nibżgħu li tiġri xi ħaġa kerha lilna jew lill-familja tagħna.

F'kelma oħra, inkunu qed



inpoġġu xi ħaġa qabel Alla. Inkunu nħkimna minn superstizzjoni. Ċar u tond, dan imur kontra l-ewwel Kmandament: "Ma jkollokx Alla ieħor għajri".

Il-*Katekiżmu tal-Knisja Kattolika* jgħallimna: "Is-superstizzjoni hi tgħawwiġ tas-sentiment reliġjuż u tad-devozzjonijiet li jiġu minnu. Is-superstizzjoni nistgħu nsibuha wkoll fl-istess kult li nagħtu lil veru Alla, bħalma meta nagħtu importanza kbira qisu għandu xi qawwa maġika lil xi għemil reliġjuż li fih innifsu hu tajjeb u meħtieġ" (para. 2111).

Għalhekk, inti mitlub biex tinjora kull forma ta' *chain letters* u *chain emails*. Li wieħed jibla l-kontenut tagħhom jew li jxerrdu huwa nuqqas kontra l-ewwel Kmandament.

Alla jmexxi kollox għall-akbar ġid tagħna u żgur ma jridx jarak ikkundizzjonat minn xi messaġġ li jibgħatlek ħaddieħor, anki jekk ma' l-ewwel daqqa ta' għajn dan jidher tajjeb.

Alla tagħna huwa Sid il-ħolqien, is-Sid taż-Żmien u ta' l-Istorja, u l-uniku Sid ta' ħajjitna.

# BONĠU MULEJ




Mibgħuta minn Constantine Magri, Sta Luċija